# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR.  JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Marzu 2025**

**Każ Nru: 2501/2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**vs**

**Marisa Micallef Grech (K.I. 0268190M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata u ċioé:

***talli nhar it-23 ta' Frar 2025, f'xi hinijiet, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin;***

1. *Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja martek Odette Micallef Grech f'periklu car, ikkagunajt hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' l-istess Odette Micallef Grech u cioe' feriti ta' natura hafifa kif ccertifikat minn Dr. Sarah Mansueto (Med. Reg 4561);*

*Art. 214, Art. 221(3)(a), Art. 222(1)(a) tal-Kodici Kriminali ta' Malta  tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

*U aktar talli nhar it-23 ta' Frar 2025, u fil-granet ta' qabel, f'xi hinijiet, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin;*

2. *Ghamilt ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali lil martek Odette Micallef Grech jew, jekk kont ipprovokata, ingurjajt b'mod li hrigt barra mill-limiti tal-provokazzjoni.*

*Art. 339(1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

*Il-Qorti ġiet gentilment mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawża kontra Marisa Micallef Grech a` beneficcju ta' Odette Micallef Grech u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta Malta.*

*Il-Qorti ġiet mitluba wkoll f'kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Odette Micallef Grech kif jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Marisa Micallef Grech billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kapitlu 9 tal- Ligijijet ta' Malta[1], ghal żmien li thoss xieraq u, jew torbot lil Marisa Micallef Grech b'obbligazzjoni taghha nnifisha taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.*

*Il-Qorti ġiet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lil Marisa Micallef Grech sabiex thallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, jekk ikun il-kaz, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

[1] Din it-talba ġiet irtirata fis-seduta tal-lum.

Rat li fis-seduta tal-lum[2], l-imputata għażlet li tirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha.

Rat li l-istess imputata reġgħet ammettiet l-istess imputazzjonijiet wara li ngħatat żmien xieraq sabiex terġa tikkonsulta mal-avukat difensur tagħha[3].

Rat id-dokumentazzjoni eżebita mill-prosekuzzjoni.

Rat li l-prosekuzzjoni rtirat it-talba għall-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin skond l-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

1) **Fatti u ammissjoni**

Illi l-fatti ta' dan il-każ jemerġu ċar mid-dokumentazzjoni eżebita u b'hekk ma hemmx ħtieġa ta' ripetizzjoni tal-istess.

Illi l-imputata għażlet li tammetti l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha, liema ammissjoni hija għażlet li terġa ttenni wara li l-Qorti wisset lill-istess imputata

[2] Verbal jibda a fol 6 tal-proċess.

[3] B'hekk ġie segwit dak li jrid l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan wieħed huwa mistieden jara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **The Police (Insp. Jonathan Ransley) vs Jianlin Shen**, (App Nru: 44/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar il-10 ta' Ġunju 2022.

b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u wara li ngħatat biżżejjed żmien sabiex treġġa lura minnha.

Illi kkunsidrat dan[4], il-Qorti qiegħda ssib lill-imputata ħatja tal-akkużi dedotti fil-konfront tagħha.

## 2) Piena

Illi dwar il-piena, irriżulta li hemm qbil li piena karċerarja m'hijiex waħda idonja fiċ-ċirkostanzi. Il-Qorti, wara li rat il-fedina penali tal-imputata, u l-fatt li jidher li din kienet okkażjoni ta' darba, meħud in kunsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputata ammettiet mal-ewwel okkażjoni, tqis li f'dan il-każ għandha tingħata l-ordni emerġenti mill-artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

## 3) Konklużjoni

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 221(3)(a), 222(1)(a) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena m'illum.

---

[4] Dwar l-effetti tal-ammissjoni fil-kamp penali, wieħed huwa mistieden jara dak awtorevolment deċiż fis-sentenza ċelebri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Cassar Desain**, mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-27 ta' Ottubru 1962. B'żieda ma dik is-sentenza klassika, wieħed huwa mistieden jara dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Falzon,** (App Nru: 385/2015) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) mogħtija nhar id-19 ta' Novembru 2015 u dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godfrey Formosa,** (App Nru: 99/2017) mogħtija wkoll mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Ottubru 2017.

Il-Qorti wissiet lil ħatja bi kliem li jinftiehem sew li jekk tagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali u dan skond dak li jrid l-artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi in oltre il-Qorti qiegħda, a tenur tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9, tipprovdi għas-sigurtà ta' Odette Micallef Grech billi torbot lill-ħatja, għal żmien ta' tnax il-xahar, b'obbligazzjoni tagħha nnifisha taħt penali ta' elfejn Ewro (€2,000).

Illi l-Qorti qiegħda tiċħad it-talba għall-ispejjeż kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta billi ma jirriżultax li nqabbdu esperti f'dan il-każ.

Il-Qorti finalment tordna, fi kliem l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol m'illum, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur